Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru 462/2010

PULIZIJA
SPETTUR TREVOR MICALLEF
VS
STEPHANIE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, Stephanie Farrugia, bint missier mhux maghruf u Dorothy nee' Farrugia, iwmielda 12 ta' Jannar 1989, Pieta', residenti 45 Flt. 1 Triq San Guzepp, Valletta u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 55689(M).

Illi hija akkuzata talli nhar it-18 ta' Ottubru 2009, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00a.m.), minn gewwa Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan ikkommettiet serq ta' *mobile phone* tal-marka (AT&T) HTC, ghad-dannu

ta’ James Gatt, liema serq huwa kwallifikat bil-‘hin’ u bil-‘valur’;

Illi hija akkuzata wkoll talli fl-istess data u/jew granet wara xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahlet sabiex tmexxihom jew tbieghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata fil-verbal datat 24 ta’ Gunju 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Stephanie Farrugia**, hatja ta’ l-ewwel (1) akkuza, mhux hatja tat-tieni (2) akkuza ta’ ricettazzjoni li minnha tilliberaha u wara li rat Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sena taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata u il-fedina penali nadifa netta taghha.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------